Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 2009 fis-2.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Dr. Frank Psaila<br>Is-Sinjura Luċia Massa |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Tenders
4. Fondi Speċjali
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

- Fil-bidu tal-laqgħa s-Sur Joseph Piscopo qal li b'rispett lejn ħu l-Kunsilliera Luċia Massa, li miet dak inhar, jekk il-quddiesa għal ruħu ssir matul il-jum, l-uffiċċju tal-Kunsill għandu jingħalaq ħalli l-ħaddiema jkunu jistgħu jattendu, u b'hekk ma jiġrix kif ġara fil-każ tal-mewt ta' missieru.

- Is-Sindku wieġeb li min irid jista' jattendi, iżda l-Kunsill ma jistax jingħalaq.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sur Piscopo qal li dak li hemm f'para. 6.2 tal-Minuti ma jirriflettix dak li verament qal. Għalhekk talab li dan għandu jiġi jaqra hekk : li ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill *Schedule of Payments* li wħud minnhom ma kienux jirriflettu mat-total globali muri fuq l-istess *Schedule of Payments* kif ukoll żewġ cekkijiet b'ammonti differenti maħruġin fuq *St. Ignatius College Primary School.*

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dak li hemm f'para 6.2 huwa l-istess u staqsa lis-Sur Piscopo jekk dak li kien qed jgħid jagħmilx parti mill-investigazzjoni li hu (is-Sur Joe Piscopo) u ċertu Charlie Agius, f'isem il-Partit Laburista qegħdin jagħmlu fuq l-operat tal-Kunsill. Staqsieh ukoll jekk Dr. Toni Abela, Deputat Kap tal-Partit, jafx b'din l-investigazzjoni fuq Kunsill b'maġġoranza Laburista peress li dan Charlie Agius huwa maħtur minn Dr. Abela bħala ko-ordinatur. Minkejja kollox, is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk is-Sur Piscopo jrid jemenda para 6.2 jista' jagħmel dan kemm irid u dwar dak li qed jallega u jimplika jwieġeb fil-mument opportun.

1.3 Wara li s-Segretaju Eżekuttiv ta l-kunsens tiegħu, para. 6.2 ġie emendat kif propost mis-Sur Joe Piscopo.

1.4 Fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Scicluna ssekondati mis-Sur Joseph Camilleri, il-Minuti ġew approvati kif emendati.

1.5 F'dan l-istadju s-Sur Joseph Piscopo talab biex iressaq mozzjoni li titlob lill-Kunsill sabiex il-laqgħat tal-Kunsill jiġu rekordjati.

1.6 Is-Sindku John Schembri hawnhekk ta' *ruling* dwar it-talba tal-mozzjoni proposta u qal li f'dan l-istadju jrid jara xi affarijiet minn qabel u għalhekk din il-mozzjoni titressaq f'laqgħa oħra.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-28 ta' Settembru 2009, fosthom;

a) Ittra minn *Northern Cleaning* li tgħarraf lill-Kunsill li l-aħħar jum ta' servizz kien it-30 ta' Settembru 2009. Sadattant il-kumpanija għamlet arranġament mal-kuntrattur Raymond Mizzi biex ikompli jagħti s-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku. Madankollu is-servizz se jingħata sas-16 ta' Ottubru 2009 u wara jsir ftehim direttament mal-Kuntrattur.

b) Inqrat kopja ta' email li d-*Data Protection Commissionner* bagħat bi tweġiba għal ittra li ntbagħtet minn Pawlu Aquilina f'isem il-Partit Nazzjonalista li titlob dettalji sħaħ li jidhru fuq il-kontravenzjonijiet. L-email tikkonferma dak li kien intqal oriġinarjament fi tweġiba għal ittra li ntbagħtet mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill.

c) Ittra mill-Onor. Dr Chris Said li titlob għal koperazzjoni ma' kumpaniji għall-Ġbid ta' Films li tappella biex il-Kunsilli jkunu raġenevoli għat-talbiet tagħhom.

d) Email mill-Wasteserve li tinforma lill-Kunsilli bis-separazzjoni ta' skart anke fir-rigward tal-*Bulky Refuse* u li s-*Civic Amenity Sites* mhux se jieħdu kull xorta ta' *Bulky Refuse.*

e) Email mill-Board ta' Evalwazzjoni dwar l-Iskema Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonniniet Speċjali li tinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx milqugħa.

## 3. TENDERS

3.1 Il-Kunsill iddeċieda li fil-ġimgħat li ġejjin jinħarġu dawn it-tenders : *Resurfacing* ta' Toroq u Manutenzjoni tal-Bankini, Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi, Ġbir ta Skart Ġoff, Ġbir ta' Skart Domestiku, u *Parks and Gardens*.

## 4. FONDI SPEĊJALI

4.1 Is-Sindku John Schembri nforma lill-Kunsill bix-xogħol li sar ħalli l-Kunsill ikun jista' japplika għal Fondi Speċjali għal inizjattivi u proġetti kulturali.

4.2 Is-Sindku żied igħid li wara li saru żjarat fuq il-post u tlestew l-istimi mill-Perit tal-Kunsill saret talba uffiċjali għal Fondi Speċjali biex isir proġett ta' tisbieħ u jinbena mill-ġdid is-salib ta' Triq il-Gudja (li tiegħu għad fadal il-bażi), u proġett ta' tisbieħ madwar il-Menħir ta' Triq Dawret il-Gudja. Ma' l-applikazzjoni ġiet sotttomessa kopja ta' ritratt (provdut mill-Kunsillier Victor Caruana) li turi s-salib sħiħ u l-inħawi tal-madwar.

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni Nru. 30.1 ippreżentata mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna li tgħid : **li l-Kunsill japprova li jsir *extensive patching* fi Triq Mons. Dun Gwann Borg, Triq Xmun Azzpardi, Triq Tumas Galea u parti minn Triq ir-Rixtellu.**

5.1.i Meta tkellmu fuq il-mozzjoni s-Sur Victor Caruana qal li ma jarax li jkun sewwa li nagħmlu *extensive patching* fi Triq Tumas Galea u nħallu l-għalqa li hemm mingħajr ħajt fejn bosta drabi sservi ta' miżbla. Semma wkoll li bejn Triq Tumas Galea u Triq Ġorġ Zahra dejjem ikun hemm għadira kbira wara kull ħalba xita.

5.1ii F'dan l-istadju s-Sur Caruana ppropona wkoll li parti minn Triq Sant'Andrija, minn tarf ta' Triq San Ġorġ, issir *one-way*.

5.1.iii Meta l-mozzjoni tressqet għall-vot, din ġiet approvata unanimament.

5.2 Mozzjoni Nru. 30.2 ippreżentata mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Camilleri li tgħid : **li l-Kunsill japprova li, bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, tingħata t-tilqima ta' kontra l-influwenza lill-anzjani u lil dawk kollha li jikkwalifikaw għaliha fir-raħal tagħna.**

5.2.i Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**6. Ħlasijiet**

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-28 ta' Setembru 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.15p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

➢ Konfermati llum 30 ta' Ottubru 2009.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |